# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 19 ta' Dicembru tas-sena 2001.**

**Numru 21**

**Avviz numru 618/00/SM**

**Mary Rose Tabone qabel Stellini**

**vs**

**Silvio Vassallo proprio et nomine u b'digriet tal-21 ta' Novembru tas-sena 2000 il-konvenut gie Silvio Vassallo f'isem Jewellery Kingdom Company Ltd.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-12 ta' Mejju tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attrici sejhet lill-konvenut nomine quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas is-somma komplessiva ta' tlett mija disgha u hamsin lira Maltija u hamsa u hamsin**

centezmu, (LM359.55,0), kwantu ghall-ammont ta' LM311.67,0 paga ghall-hames gimghat u erba tijiem ghall-perjodu bejn il-31 ta' Awissu, 1998 u l-5 t'Ottubru 1998, kwantu ghall-LM11.13,0 parti mill-bonus dovut f'Dicembru 1998, kwantu ghall-LM12 ghall-Allowance dovut f'Marzu u kwantu ghall-LM24.75,0 dovut ghall-Vacation Leave;

2. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-3 ta' Frar 1999 u dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Novembru, 1999, u mharrek ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-25 ta'Settembru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut nomine eccipixxa s-segwenti:

1. In linea preliminari, huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur;

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta' l-artikolu 2147 (c) u/jew 2148 (d) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fit-tieni lok, l-ebda ammont mhu dovut, stante illi t-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali rigwardanti l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut nomine tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. **Illi l-konvenut nomine huwa direttur tas-socjeta' "Jewellery Kingdom Company Limited";**

2. **Illi l-imsemmija socjeta' tirrizulta li kienet impjegat lill-attrici ghall-perjodu bejn il-31 t'Awissu ta' l-1998 u Ottubru ta' dik l-istess sena;**

3. **Illi ma kien hemm l-ebda kuntratt ta' ingagg skritt bejn il-partijiet;**

4. **Illi ex admissis il-konvenut nomine jikkonferma bil-gurament tieghu li qatt ma hallas lill-attrici ghall-perjodu ta' ingagg mas-socjeta' de quo.;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi in vista tal-premess ghal dak li jirrigwarda l-kwistjoni preliminari sollevata mill-konvenut nomine din il-qorti hi sodisfatta li t-talba ta' l-attrici m'hix preskritta u dan in vista ta' l-ammissjoni tal-konvenut nomine kif fuq indikat;**

**Ghaldaqstant tordna l-kontinwazzjoni tal-kawza fuq il-meritu u tirrizerva li tipprovdi dwar l-ispejjez fi stadju opportun.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**